**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 909/2022DC**

***Emanuel Camilleri (K. I. Numru 508564M)***

***vs***

***Il-Bord tal-Parole***

**Illum, 30 ta' Settembru, 2024**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors ġuramentat** tal-attur Emanuel Camilleri ppreżentat fil-5 ta' Ottubru, 2022 permezz ta' liema ppremetta:-

1. *Illi r-rikorrent huwa attwalment residenti ġewwa l-Faċilitá Korrettiva ta' Kordin u dan peress li qiegħed jiskonta pieni ta' priġunerija wara s-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Emanuel sive Leli Camilleri mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Frar 2010 (kopja nformali hawn annessa u mmarkata bħala Dok A) u sentenza oħra tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Emanuel Camilleri et deċiża fis-16 ta' Diċembru 2015 (kopja nformali hawn annessa u mmarkata bħala Dok B).*

2. *Illi fil-fehma tar-rikorrent, huwa attwalment eliġibbli għall-parole skond l-artikolu 11 tal-Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi madanakollu, huwa ġie nfurmat mill-Bord intimat li skond huma r-rikorrent għad m'huwiex attwalment eliġibbli. Dan ġie komunikat lir-rikorrent permezz ta' korrispondenza elettronika datata s-16 ta' Mejju, 2022 u l-24 ta' Mejju, 2022 (kopja tal-korrispondenza tal-Bord*

*intimat, qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata kollettivament bħala Dok: Ċ].*

4. *Illi jingħad li l-interpretazzjoni li l-Bord qiegħed jagħti tal-artikoli rilevanti tal-Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta hija manifestament ħażina u totalment inġusta u dan kif sejjer jiġi ampjament ippruvat waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri.*

5. *Illi interpellat sabiex din l-interpretazzjoni tiġi rikunsidrata, l-Bord intimat baqa ommissiv. [Kopja tal-ittra uffiċjali qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok: D].*

6. *Illi bl-isperanza li jiġu evitati numru t'eċċezzjonijiet preliminari, r-rikorrenti qiegħed jiddikjara minn issa li din l-azzjoni m'hijiex dik maħsuba taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta iżda hija arġinata fuq dak li jrid l-artikolu 32(2) tal-istess Kapitolu.*

7. *Illi din l-Onorabbli Qorti għandha l-ġurisdizzjoni tissindika l-interpretazzjoni li qiegħda tiġi utilizzata mill-Bord.*

8. *Illi għalhekk qegħdin isiru dawn il-proċeduri.*

9. *Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

U wara li hekk ippremetta l-attur talab lil din il-Qorti:-

1) *Tiddikjara li l-interpretazzjoni li ngħatat mill-Bord tal-Parole inizjalment permezz ta' korrispondenza datata 16 ta' Mejju 2022 u sussegwentement b'dik tal-24 ta' Mejju 2022 dwar id-data tal-eliġibilitá tar-rikorrent għall-parole, hija ħażina u nġusta u ma tirrispekkjax il-liġi li joħloq l-istess Bord.*

2) *Tordna lill-Bord intimat sabiex jerġa jirrevedi l-interpretazzjoni dwar id-data tal-eliġibilitá għall-parole tiegħu bl-interpretazzjoni korretta tal-liġi u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż u bir-rappreżentant legali tal-Bord intimat minn issa nġunt in subizzjoni.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut** il-Bord tal-Parole ppreżentata fl-4 ta' Novembru, 2022 permezz ta' liema eċċepixxa:-

1. *Illi l-attur fil-preżent qiegħed ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin biex jiskonta s-segwenti sentenzi u kundanni:*

    a. *Tmintax-il xahar priġunerija wara li naqas li jħallas il-multa ta' 50,000 euro mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tal-25 ta' Frar 2010.*

    b. *Ħdax-il sena priġunerija wara li nstab ħati mill-Qorti Kriminali b'sentenza datata 16 ta' Diċembru 2015.*

    ċ. *Sena priġunerija jekk ir-rikorrenti jonqos milli jħallas il-multa ta' 20,000 euro skont is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015.*

2. *Illi ġaladarba r-rikorrenti qiegħed jiskonta b'kollox kundanni li jammontaw għal total ta' iktar minn seba' snin priġunerija mela allura l-artikolu tal-liġi applikabbli sabiex tiġi stabbilita' d-data ta' eliġibilita' għall-parole huwa l-artikolu 11(3) tal-Kap 516. L-ebda artikolu ieħor m'huwa applikabbli u dan kif ser jiġi spjegat f'iktar dettal waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

3. *Illi r-rikorrenti jallega li attwalment huwa eliġibbli għall-parole mingħajr ma jgħid għalfejn huwa eliġibbli. Ir-rikorrenti lanqas jispeċifika liema huwa s-sub-artikolu tal-artikolu 11 tal-Kap 516 li fil-fehma tiegħu huwa applikabbli għal każ tiegħu.*

4. *Illi r-rikorrent jgħid, b'mod vag u neboluż għall-aħħar, li l-interpretazzjoni li qed tingħata mill-Bord dwar l-artikoli relevanti tal-liġi rigward id-data tal-eliġibilita' għall-parole hija waħda manifestament ħażina u totalment inġusta mingħajr ma jfisser eżattament għalfejn wasal għal din il-konklużjoni.*

5. *Illi d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Parole f'dan il-każ huma ġusti, skont il-liġi u ma jimmeritawx reviżjoni.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet[1] tal-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef datat 13 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu assenja din il-kawża biex tinstema' u tkun deċiża minn din il-Qorti kif preseduta.

Semgħet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali inkluż in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.[2]

Ikkunsidrat

Illi din il-kawża titratta deċiżjoni tal-konvenut il-Bord tal-Parole dwar meta l-attur jkun eliġibbli biex japplika għall-parole.

## **IL-PROVI**

Ikkunsidrat

Illi fl-affidavit minnu preżentata[3] l-attur **Emanuel Camilleri** jispjega li fis-sajf tas-sena 1998 kien tressaq taħt arrest u akkużat b'diversi reati u minn dakinhar huwa baqa' taħt arrest preventiv sakemm ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest f'April tas-sena 2000. Wara ftit xhur, f'Settembru 2000 huwa kien reġa ġie arrest minħabba li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu u baqa' sal-lum il-ġurnata miżmum ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Camilleri ikompli jgħid li f'April tas-sena 2000 kienet inħarġet l-Att tal-Akkuża kontra tiegħu, u fis-17 ta' Jannar 2005 il-każ kien ġie deċiż kontra tiegħu mill-Qorti Kriminali, fejn kien ġie ikkundannat għal 35 sena priġunerija u għal multa ta' ħamsin elf Liri Maltin (Lm50,000) li jekk ma titħallasx kellha tiġi konvertita fi 18-il xahar priġunerija. Tali sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2010. Sadattant, fis-sena 2009, inħareġ Att tal-Akkuża ieħor kontra Camilleri, u fis-16 ta' Diċembru 2015, fuq ammissjoni tiegħu, il-Qorti Kriminali ikkundannat lil Camilleri għal piena ta' ħdax-il sena (11) priġunerija flimkien ma' multa ta' għoxrin elf Ewro (€20,000), liema multa tiġi konvertita f'sena priġunerija jekk ma titħallasx. Camilleri jżid li huwa skonta iżjed minn ħamsin fil-mija tat-total taż-żmien ta' priġunerija li għalih ġie kkundannat fiż-żewġt sentenzi in kwistjoni sabiex ikun eleġibbli japplika għal parole, iżda l-Bord tal-Parole mhux qed iqisu bħala persuna eleġibbli biex japplika għal parole. In oltre, huwa jżid li kieku ma ammettiex it-tieni kawża u l-istess proċeduri għadhom pendenti sal-lum kif għadhom pendenti tal-akkużati l-oħra, kieku illum jitqies bħala eleġibbli biex japplika sabiex ikun ikkunsidrat għal

[1] Fol 44.
[2] Nota tal-attur a fol 310 u nota tal-konvenut a fol 343.
[33] Fol 42.

parole. Camilleri jikkonkludi jgħid li fit-23 ta' Ġunju 2022 huwa preżenta ittra uffiċjali lill-Bord tal-Parole sabiex jikkunsidra l-interpretazzjoni tiegħu tal-liġi dwar meta jista' jitqies eleġibbli li japplika għal parole u jiċċara li b'dawn il-proċeduri mhux qed jitlob li jingħata l-parole iżda biss li jiġi kkunsidrat bħala persuna eliġibbli li tapplika għal parole.

Illi xehed **Helenio Galea**[4] senior inspector inkarigat mir-records office ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. Huwa jgħid li Emanuel Camilleri preżentament qiegħed jiskonta sentenza ta' ħamsa u tletin (35) sena priġunerija, sentenza tas-17 ta' Jannar tal-2005, u li warajha jibda jiskonta sentenza oħra ta' ħdax-il sena (11) priġunerija liema sentenza ngħatat fis-16 ta' Diċembru 2015. Ix-xhud jispjega li apparti li kien daħal il-ħabs għal 13-il ġurnata fuq każ ta' pussess ta' droga fis-sena 1995, Camilleri kien reġa daħal il-ħabs fis-7 ta' Awwissu 1998 fejn għamel sitt mija u sebgħat ijiem (607) qabel ma ġie rilaxxat u reġa ddaħħal il-ħabs fil-5 ta' April 2000 u għadu hemmhekk sal-lum. Ix-xhud preżenta żewġ settijiet ta' dokumenti: Dok HG1, informazzjoni relattiva għall-każ tas-sena 1995, u Dok HG2 informazzjoni relattiva għall-każ tas-sena 1998. Apparti minn hekk Galea ppreżenta t-tielet dokument: DOK HG3, informazzjoni dwar is-sentenza ta' 11-il sena priġunerija li skont huwa għadha ma bdietx tiġi skontata. In kontro-eżami ikkonferma li l-multa ta' Lm50,000 li ġiet imposta flimkien mal-piena ta' ħamsa u tlettin sena ħabs tħallset; jgħid li fil-fatt hemm nurmu ta' rċevuti wkoll.

Illi xehed **Dr. Kevin Sammut Henwood**[5], psikologu prinċipali fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin li huwa wkoll membru fuq il-Bord tal-Parole sa mis-sena 2013. Huwa jispjega li lil Emanuel Camilleri jafu bħala priġunier u beda jaħdem miegħu għall ħabta tat-2021. Jispjega li biex jitfassal pjan ta' kura kien importanti li jkollhom target date u minn hekk nibdet il-problema dwar meta kellha tkun id-data tar-rilaxx tiegħu u f'liema data huwa kien ser ikun eliġibbli li japplika għal parole. Ix-xhud jispjega li fid-dawl tal-fatt li Camilleri kellu żewġt sentenzi *"bażikament jekk inti tgħaqqadhom kollha flimkien allura tiġi l-interpretazzjoni li inti jrid ikollok sentenza multipli ħa tingħata bil-fifty per cent jiġifieri jiġifieri allura kellek a certain parole eligibility date. Li ġara ovvjament illi t-thirty five years hu leħaq skontaha, u allura ma baqgħetx tapplika fil-fifty per cent computation, allura ġiet il-PED ikkalkulata biss fuq l-aħħar ħdax-il sena, u hemmhekk umbagħad ġiet bil-fifty seven per cent jiġifieri b'hekk żdiedet anke l-ġurnata tar-rilaxx".* L-istess xhud iżid li kieku Camilleri kellu "l-ewwel sentenza" biss tal-ħamsa u tletin sena kieku jaħseb li kien ikun diġà eliġibbli għall-parole, u l-istess kien li kieku "it-tieni kawża" kienet għadha għaddejjha. Ix-xhud jgħid ukoll li kien hemm korrispondenza mal-Avukat Ġenerali jew mal-

---

[4] Xhieda a fol 64.
[5] Xhieda a fol 78.

Avukat tal-Istat fejn kienu ingħataw xi pariri u jżid li jista' jkun li kien hemm xi kunflitt fuq il-pariri li ingħataw. In konklużjoni, fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud spjega li f'każ li wara li persuna tkun ingħatat parole fuq każ, u waqt li tkun barra bil-parole, tingħata sentenza oħra ta' priġunerija fuq każ antik, il-persuna konċernata ikollha tidħol il-ħabs u tirreġistra però tkun tista' tibda proċess aktar spedit "*jiġifieri flok jistenna dawk is-sitt xhur jista' jkun anke li joħroġ mill-ewwel, jiġifieri imma dik tkun deċizzjoni li tiddependi mill-parole board*".

Illi xehdet **Stephania Calafato Testa**[6], Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali, u esebiet żewġt sentenzi: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Camilleri*, deċiża mill-Qorti Kriminali per Imħ. Dr. E Grima nhar is-16 ta' Diċembru 2015[7]; u *Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel sive Leli Camilleri*, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Frar 2010[8]. L-istess xhud esebiet numru ta' sentenzi oħra li ingħataw fil-konfront tal-ko-akkużati ta' Emanuel Camilleri, flimkien ma verbal mill-proċeduri *Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat* u *Ir-Repubblika ta' Malta vs Romeo Bone* liema verbali juru li l-proċeduri fil-konfront ta' dawk l-akkużati għadhom pendenti[9].

Illi xehed **Christian Rizzo**[10], senior parole clerk ġewwa l-aġenzija. Huwa spjega li jiġi involut fil-proċess tal-parole meta jgħaddi d-dossier lil Bord tal-Parole biex jiġi diskuss il-każ u tinħareġ deċiżjoni. Mistoqsi x'jaf fuq il-każ ta' Emanuel Camilleri u x'kien jiġri fir-rigward tal-parole, kieku Camilleri weħel sentenza waħda biss ta' ħamsa u tletin sena, ix-xhud jikkonferma li kieku kien ikun eliġibbli għall-parole. Mistoqsi x'jiġri f'każ li xi żmien wara li toħroġ bil-parole tali persuna tingħata sentenza oħra, huwa jispjega li meta jibda jiskonta t-tieni kundanna huwa jkun eliġibbli u l-Bord ikun jista' jiddeċiedi li dak li jkun *"joħroġ barra u jkompli t-terminu tiegħu li baqagħlu fuq parole".* Ix-xhud ikkonferma li l-Bord tal-Parole kien talab parir legali fuq il-każ ta' Emanuel Camilleri. Mistoqsi fuq il-kalkoli li saru rigward il-perjodu ta' eliġibilità ta' Emanuel Camilleri, huwa jispjega li l-Bord joqgħod informazzjoni li tingħata lilhom mir-records u li dak iż-żmien jirriżulta li s-sur Camilleri kien qed jiskonta multa li ġiet konvertita fi tmintax-il xahar priġunerija. Ix-xhud ikompli jgħid li meta jkun hemm żewġt sentenzi allura dawn jiġu skontati wara xulxin, b'dan li "it-tieni sentenza" ser tibda tiġi skontata f'data jekk il-multa tal-ewwel sentenza titħallas u data iktar tard f'każ li ma titħallasx.

---

[6] Xhieda a fol 94 u fol 158.
[7] Dok SCT 1 a fol 99.
[8] Dok SCT 2 a fol 107.
[9] Dok SCT 3 sa Dok SCT 13 a fol 164 et seq.
[10] Xhieda a fol 132.

Illi l-istess **Christian Rizzo**[11] ippreżenta l-file kollu ta' Emanuel Camilleri[12]. Huwa spjega li huwa b'applikazzjoni tal-artikolu 11(3)[13] li l-attur kien ikun eleġibbli għal parole kieku kellu sentenza waħda biss ta' 35 sena. L-istess xhud jixhed ukoll dwar l-artikolu 12 u l-applikabilita tiegħu li kieku Camilleri ma ammettiex għat-tieni sentenza. Ix-xhud jiġi muri email a folio 26 tal-proċess u meta mistoqsi speċifikatament dwar ir-remission, huwa jiddikjara li filwaqt li r-remission ma taqax taħt is-sistema tal-parole, "*pero minħabba li nzommu pjan tas-sentenza huma jgħidulna meta ħa jiskonta s-sentenza. Fi kliem ieħor, f'każ li ma kellux sentenza oħra dan ħareġ mill-ħabs bir-remission, jiġifieri dik dejjem tkun taqa' taħt ir-records office, għalhekk għamilt referenza wkoll għaliha fil-korrispondenza tiegħi.*" L-istess xhud ikompli li r-referenza għar-remission saret minnhom "*bħala pajn tas-sentenza imsemmi fil-liġi*" però jikkjarifika li hemm artikoli fil-liġi li jagħmlu referenza għar-remission u li dik taqa' taħt il-Bord tat-Tnaqqis mis-Sentenzi. Mistoqsi fuq email oħra a folio 28 tal-proċess, u l-kwistjoni li sentenzi diġà skontati ma għandhomx jiġu kkunsidrati ai fini ta' parole, u l-artikolu 11(5) tal-Kap 516, ix-xhud jirrispondi li huma għandhom parir legali li kien ġabu dak iż-żmien mill-Avukat Ġenerali xi għaxar snin ilu li dak is-sub-artikolu, 11(5), japplika għal priġunieri li jkollhom minn sena sa sentejn. In oltre meta mistoqsi dwar l-artikolu 11(3) u minn meta għandu japplika, huwa jispjega li jekk meta tkun eleġibbli li tapplika dak li jkun ikun diġà "*laħaq skonta xi sentenzi, ħa jinħareġ updated sentence plan mir-records office li ħa jingħata lilna mill-ewwel, lill-uffiċju tal-parole, u hemmhekk irridu nimxu fuqu....*". Ix-xhud imbagħad jagħti eżempju fejn jispjega li jekk xi ħadd l-ewwel jingħata sentenza ta' 10 snin, imbagħad sentenza ta' sena, hemmhekk jista' japplika fuq it-tnejn, iżda jekk ikunu bil-kontra, i.e. l-ewwel jingħata sentenza ta' sena, imbagħad ta' 10 snin, ħa tilħaq tiġi skontata l-ewwel sentenza, u allura l-ewwel sentenza tkun intilfet u ma jieħux parole fuqha. Mistoqsi dwar l-artikolu 11(5) u l-applikabilità tiegħu o meno għal każ ta' Emanuel Camilleri, x-xhud jgħid li huma talbu parir legali u skont tali parir dan l-artikolu ma japplikax fil-każ tiegħu.

Illi mill-file esebiet mix-xhud Christian Rizzo ta' relevanza huma s-segwenti dokumenti:

- Dok CR1, l-ewwel folder, dokument numru 3:

  Dokument intern tal-Faċilita Korrettiva li jindika li Camilleri għandu *multiple sentences* u li *date of sentence/admission date* hija 17 ta' Jannar 2005 date of release full term 29 ta' Settembru 2051.

- Dok CR1 l-ewwel folder dokument numru 4:

[11] F'xhieda sussewgenti a fol 298.
[12] Dok CR1 u Dok CR2 rispettivament (miżmuma f'boxfile).
[13] Tal-Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan hu dokument datat 17 ta' Ottubru 2016; filwaqt li jikkonferma iż-żewġt dati fuq imsemmija (17 ta' Jannar 2005 bħala *sentence commenced at,* u 29 ta' Settembru 2051 bħala *full term of release*), fih il-kalkoli dwar il-parole eligibility date skont l-applikazzjoni tal-artikolu 11(3). Fih hemm indikat:

- Parole eligibility date (less fine/s/court fees): 24 ta' Lulju 2025
- Parole eligibility date (including fine/s/court fees): 16 ta' Lulju 2032

- Dok CR1, l-ewwel folder, dokument numru 5:

  Skont dan id-dokument it-tieni sentenza (dik ta' hdax il-sena habs) għandha tibda tiddekorri fit-22 ta' Marzu 2029.

- Dok CR1, l-ewwel folder, dokument numru 6:

  Dan hu dokument, simili għal dokument nunmru 4, pero huwa datat 25 ta' Novembru 2016 u jinkludi fih ukoll "365 days imprisonment" apparti l-2549 days indikati f'dokument no. 4. Fih hemm indikat:

  - Parole eligibility date (less fine/s/court fees): 24 ta' Lulju 2025
  - Parole eligibility date (including fine/s/court fees): 16 ta' Lulju 2033

- Dok CR1, l-ewwel folder, dokument numru 8

  Dan id-dokument huwa kważi identiku għal dokument numru 6, bid-differenza li huwa datat 13 ta' Frar 2017 u jinkludi 30 ġurnata amnestija. Fih hemm indikat:

  - Parole eligibility date (less fine/s/court fees): 06 ta' Lulju 2025
  - Parole eligibility date (including fine/s/court fees): 28 ta' Ġunju 2033

- Dok CR1, l-ewwel folder, dokument numru 17:

  Dan huwa e-mail mibgħutha mill-konsulent ta' Camilleri datata 20 ta' Settembru 2021. Fiha jingħad li fl-14 ta' Jannar 2022 Camilleri ser ikun skonta eżattament 50% tat-total ta' żmien ta' priġunerija u minn dakinhar huwa ser ikun eliġibbli għall-parole. Huwa għalhekk talab lill-Bord sabiex mad-data tal-eliġibilità tal-Parole huwa jingħata l-parole.

- Dok CR1, l-ewwel folder, dokumenti numru 47, 48 u 51:

  Dawn kollha jsemmu id-data ta' eliġibilta bħala 6 ta' Lulju 2025 (without fines and court fees) u 28 ta' Ġunju 2033 (with fines and court fees). Pero dejjem qed jiġi innutat li din id-data tista' tinbidel għaliex "l-ewwel sentenza" għandha tiġi skontata fis-sena 2029 (with fines and court fees).

- Dok CR1, ir-raba folder, dokument numru 116:

Dan huwa dokument, simili ħafna għal Doks numru 4,6 u 8 pero datat it-23 ta' Settembru 2022. F'dan id-dokument hemm indikat li:

- Parole eligibility date (less fine/s): 6 ta' Lulju 2025
- Parole eligibility date (including fine): 6 ta' Jannat 2028

- Dok CR2, it-tielet folder, dokument numru 13, 77 u 78:

  Dawn huma dokumenti datati 5 ta' Marzu 2021, 11 ta' Settembru 2023 u ieħor mhux datat, li jipprospettaw l-parole eligibility date fil-konfront tat-"tieni sentenza" waħedha. Id-data ta' meta suppost tibda sseħħ "it-tieni sentenza" huwa differenti f'kull waħda minn dawn id-dokumenti.

Illi xehed ukoll **Dr. Carmelo Mifsud Bonnici**[14] li kien il-ministru responsabbli sabiex il-Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi promulgat. Huwa spjega li primarjament huwa kien responsabbli għall-abbozar tal-att relattiv. Jgħid wkoll illi l-mod ta' kif tfasslet il-liġi kien biex tkopri kemm jista' jkun xenarji possibli biex in-nies li jridu jirriformaw ruħhom ikollhom triq minn fejn jistgħu jirriformaw ruħhom. Mistoqsi dwar l-artikolu 11(5) u jekk il-liġi riditx li ssir distinzjoni bejn persuni li ġew kkundannti priġunerija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-att u persuni li ġew ikkundannati wara d-dħul fi-seħħ ta' dan l-att, Dr. Mifsud Bonnici jiċċara li ma saritx distinzjoni u *"fil-fatt l-att ġie immedjatament jaħdem għal kull min qiegħed jiskonta sentenza il-ħabs mill-ewwel",* u li l-iskop kien illi *"fejn ikollok ukoll sentenzi li jkunu anqas minn sena, u takkumulhom f'daqqa, allura bniedem ikun jista' jgħaqqadhom u fifty per cent tagħhom jibda għaddej".*[15] In oltre, mitlub jerġa jiċċara fuq s-sub-artikolu ħamsa, x-xhud jirrispondi: *"Trid taħdem mill-ewwel, għalija ta' applikazzjoni immedjata, ma tagħmilx distinzjoni f'meta tingħata s-sentenza għax inkella it defeats the scope tal-liġi fl-opinjoni tiegħi...."*[16] In kontro-eżami mistoqsi dwar il-kliem *"minkejja d-disposizzjonijiet tas-sub artikolu wieħed",* ix-xhud jirrispondi "*Hekk hu, jiġifieri minkejja dak illi hemm hemmhekk, skont x'ridna ngħidu hekk, tapplika din. Minkejja dik li hemm 33% 50% u dan kollu, fejn ikollok dawn is-sitwazzjonijiet allura tapplika mill-ewwel din."*[17]

Ikkunsidrat

Illi mir-riassunt tal-provi prodotti huwa lampanti li hemm inkonsistenzi dwar diversi fatti:

- Jekk, u meta, Camilleri skonta l-ewwel sentenza mgħotija fil-konfront tiegħu.

[14] Xhieda a fol 314.
[15] Folio 315-316.
[16] Folio 316.
[17] Folio 317.

Ix-xhud Helenio Galea qal li Camilleri kien għadu qed jiskonta din is-sentenza; Dr Sammut Henwood pero, li xehed fl-istess udjenza bħal Helenio Galea ċioe fis-17 ta' April 2023, qal li kienet diġa skontata. Minn provi oħra[18] mbagħad jidher li din is-sentenza ġiet skontata fl-10 Settembru 2023 wara li Camilleri ibbenefika minn remission.

- Kemm qatta' żmien il-habs Camilleri minn meta ġie arrestat l-ewwel darba[19].

  Ix-xhud Helenio Galea jgħid li Camilleri daħal il-ħabs fis-7 ta' Awwissu 1998 fejn għamel sitt mija u sebgħat ijiem (607) qabel ma ġie rilaxxat u reġa daħal il-ħabs fil-5 ta' April 2000 u għadu hemmhekk sal-lum. Camilleri min-naha l-oħra jgħid li wara li ġie rilaxxjat bil-bail f'April 2000 reġa ġie arrestat f'Settembru 2000 minħabba ksur ta' bail u kien minn hemm li ma reġax ħareġ mill-ħabs. Mid-dokumenti esebiti[20] fil-fatt jidher li daħal il-ħabs fis-7 ta' Awwissu 1998, ġie rilaxxjat bil-bail fil-5 ta' April 2000, reġa daħal il-habs dak in-nhar stess, ġie rilaxxjat l-għada 6 ta' April 2000 biex mbagħad reġa daħal il-ħabs fl-14 ta' Settembru 2000. Għandu jingħad ukoll li minn dokumenti oħra interni tal-ħabs relattivi għaż-żewġ sentenzi f'daqqa[21] "*id-date of commencement"* jidher li ġie stabbilit bħala 17 ta' Jannar 2005. Din hija d-data ta' l-ewwel sentenza li ngħatat fil-konfornt tal-attur fir-rigward tar-reati mwettqa fis-sena 1998 liema sentenza ġiet appellata u konfermata fil-25 ta' Frar 2010 u allura kien minn din id-data li għandha titqies finali u eżekuttiva. Akar minn hekk l-attur kien ilu detenut il-ħabs b'relazzjoni ma dawk ir-reat mis-sena 1998.

- Liema multi u spejjeż peritali imposti fuq Camilleri ġew imħallsa u liema ġew konvertiti f'priġunerija.

  Ix-xhud Elenio Galea qal li l-multa ta' Lm50,000 imposta flimkien mal-piena ta' 35 sena tħallset; jgħid li fil-fatt hemm nurmu ta' rċevuti wkoll. Pero mid-dokumenti esebiti minnu stess[22] l-multa li tidher imħallsa hija dik fl-ammont ta' Lm10,000 konvertita f'€23,320 rappreżentanti l-garanzija personali imposta mal-għoti tal-bail[23].

- Il-pożizzjoni tal-Bord dwar jekk il-kalkolu tal-parole kellhux jinħadem bil-persentaġġ ta' ħamsin fil-mija.

  Għalkemm mix-xhieda ta' Chrstian Rizzo jidher li il-kalkolu dejjem tinħadem bil-persentaġġ ta' tmienja u ħamsin fil-mija, skont Dr Sammut Henwood inizjalment il-persentaġġ kien qed jinħadem bil-ħamsin fil-mija. Huwa qal li

---

[18] Dok HG 2 fol 71.
[19] Dejjem in konnessjoni maż-żewġ sentenzi mertu ta' dawn il-proċeduri.
[20] Dok HG 2 fol 71.
[21] Dok CR1, l-ewwel folder, dokument numru 3 u dokument numru 4.
[22] Ref Dok HG2 fol 71.
[23] Possibilment dan il-ħlas kellu jsir in forża ta' xi sentenza mgħotija wara li Camilleri kiser il-bail.

minħabba li l-ewwel sentenza laħaq skontaha *allura ma baqgħetx tapplika fil-fifty per cent computation.*

Illi fil-verita l-uniċi fatti li jirriżulta b'ċertezza mill-provi prodotti (u li huma relevanti ai fini ta' din is-sentenza) huma s-segwenti:

- Ingħataw żewġ sentenzi fil-konfront ta' Camilleri[24]:
    - Waħda fis-17 ta' Jannar 2005 mill-Qorti Kriminali u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2010 (hawn imsejjħa "l-ewwel sentenza"); permezz ta' din is-sentenza Camilleri ġie ikkundannat ħahma u tlettin sena priġunerija, multa ta' Lm50,000 konvertibbli f'tmintax il-xahar priġunerija jekk ma titħallasx, u Lm109 spejjeż peritali.
    - Oħra fis-16 ta' Diċembru 2015 mill-Qorti Kriminali (hawn imsejjħa "it-tieni sentenza"); permezz ta' din is-sentenza Camilleri ġie ikkundannat ħdax-il sena priġunerija, multa ta' €20,000 konvertibbli f'sena priġunerija jekk ma titħallasx, u €235.38 spejjeż peritali.
- Camilleri daħal il-ħabs l-ewwel darba[25] fis-7 ta' Awwissu 1998, ġie rilaxxjat bil-bail fis-sena 2000, għamel xi żmien barra sakemm reġa ġie arrestat (fl-istess sena) minħabba ksur tal-kundizzjonijiet tal-bail, u għadu hemm sa' llum.
- L-ewwel sentenza ta' ħamsa u tlettin sena ħabs llum hija skontata u fuq dik is-sentenza ħa r-remission.
- L-aħħar deċizjoni tal-Bord dwar id-data meta Camilleri jkun eliġibbli għall-parole hija li din għandha tiġi kalkolata fuq il-persentaġġ ta' tmienja u ħamsin fil-mija skont l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta (hawn imsejjaħ "il-Kap 516"). Aktar minn hekk il-Bord qed jinsisti li la darba l-ewwel sentenza issa hija skontata allura d-data ta' eliġibilita għandha tiġi kalkolata fuq perjodu ta' prigunerija impost fit-tieni sentenza li miegħu għanndu jiżdied dak il-perjodu ta' prigunerija rappreżentanti multi mhux imħallsa u konveriteti f'priġunerija.

## <u>KUNSIDERAZZJONIJIET</u>

Ikkunsidrat

Illi kif intqal permezz ta' din il-kawża l-attur jikkontendi li l-Bord kien żbaljat fl-interpretazzjoni tiegħu tal-Liġi meta kien qed jistabilixxi d-datat ta' eliġibilita għall-parole (hawn imejjħa "id-data ta' eliġilita") fil-każ tiegħu.

[24] Għal dak li hu relevanti f'dawn il-proċeduri.
[25] Dejjem għal dak li hu rilevanti għal dawn il-proċeduri.

Illi għandu jiġi rilevat li l-Qorti ma ġietx mitluba biex tistabilixxi hi d-data ta' eliġibilita, imma ġiet mitulba biss li tippronunzja ruħha dwar il-korrettezza o meno tal-mod kif il-Bord konvenut interpreta u applika d-dispożizzjonijiet tal-liġi relevanti, l-Att dwar Ġustizzja Riparatriċi, il-Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta (il-Kap 516), fil-każ tal-attur u, jekk issib li l-Bord fil-fatt kien żbaljat, sabiex tordna lill-Bord jagħmel evalwazzjoni ġdida, b'applikazzjoni korretta tal-Liġi, dwar meta għandha tkun d-data ta' eligibilita.

Illi l-argument prinċipali tal-attur huwa li fil-każ tiegħu, peress li huwa ġie kkundannat żewġ sentenzi, għandu japplika l-artikolu 11(5)[26] b'mod li d-data ta' eliġibilita għandha tkun kalkolata fuq ħamsin fil-mija (50%) tat-total taż-żewġt sentenzi magħduda flimkien. Huwa jirreferi għall-artikolu 10(1) li skont hu jindika b'mod ċar li meta jkollok multipliċità ta' sentenzi, sabiex tiġi kkalkolata d-data ta' eliġibilita wieħed irid jgħodd it-total ta' żmien ta' priġunerija li dak li jkun ikun ikkundannat u mhux isir kalkolu separat għal kull kundanna. L-attur jikkontendi ukoll li minkejja li l-artikolu 11(5) jagħmel referenza għas-sub-inċiż (1) dan ma jillimitax l-applikabilità tiegħu għal dak is-sub-inċiż (1). Aktar minn hekk fil-waqt li jsostni li l-ħlas o meno tal-multi ma għandux jaffetwa d-data ta' eliġibilità, jargumenta li anke jekk wieħed kellu jiskarta dan argument, meta jkun hemm konverżjoni tal-multi f'priġunerija il-perjodu relattiv għandu jifforma parti mit-total ta' żmien ta' priġunerija li jkun ser jiġi skontat b'mod li jibqa applikabbli l-artikolu 11(5).

Illi min-naħa l-oħra l-Bord konvenut jargumenta li l-artikolu 11(5) m'għandux japplika imma għandu japplika l-artikolu 11(3) b'mod li d-data ta' eliġibilita għandha tiġi kalkolata fuq tmienja u ħamsin fil-mija (58%) tal-priġunerija. Huwa jżid li l-ewwel sentenza ġiet skontata fl-intier tagħha fl-10 ta' Settembru 2023, u li bħalissa Camilleri qed iservi t-tieni sentenza u li allura skont tal-artikolu 11(3) id-data ta' eliġibilita għandha tiġi kkalkulata fuq tmienja u ħasin fil-mija taż-żmien ta' priġunerija li qed jiskonta fir-rigward tat-tieni sentenza biss. Il-Bord jikkontendi ukoll li jekk il-multa tiġi konvertieta f'priġunerija dan il-perjodu ta' priġunerija għandu jittieħed in konsiderazzjoni ukoll. Jgħid li fil-każ ta' Camilleri jekk titħallas il-multa ta' €20,000 imposta flimkien mas-sentenza ta' ħdax il-sena (11) priġunerija d-data ta' eliġibilita hija s-26 ta' Jannar 2030 u jekk ma titħallasx il-multa allura d-data ta' eliġibilita tkun 26 ta' Jannar 2031. Il-Bord jinsisti li l-ewwel sentenza m'għandhiex tidħolx fil-kalkolu ai fini tad-data ta' eliġibilita

[26] Sa kemm ma jingħad mod ieħor l-artikoli kollha imsemmija f'din is-sentenza huma artikoli tal-Kap 516.

peress li ġiet skontata qabel setgħet issir l-applikazzjoni. Dwar in-nuqqas ta' applikabilità tal-artikolu 11(5), il-Bord jagħmel enfażi fuq l-użu tal-kliem *"minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 1 tal-artikolu 11"* sabiex jargumenta li allura l-artikolu 11(5) huwa marbut mal-artikolu 11(1) li jitkellem dwar iktar minn kundanna waħda liema kundanni iġorru piena ta' priġunerija bejn sena u sentejn. Ikompli jargumenta li Camilleri qatt ma kien f'sitwazzjoni fejn kellu kundanni multipli ta' priġunerija ta' żmien ta' sena u mhux iktar minn sentejn u allura ma jistax jinvoka l-applikazzjoni tal-artikolu 11(5). Il-Bord jinsisti li kieku l-leġislatur ried li 11(5) jkun applikabbli minkejja dak li jgħidu subartikoli oħra minbarra (1) kien jgħid hekk, kif għamel f'subartikoli oħra.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal l-istħarreġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa dwar il-mod kif il-Bord qed jinterpreta l-Liġi dwar id-data tal-eliġibilita u dwar kif għandha tiġi kalkolata id-data ta' eliġibilita skont l-artikolu 11 tal-Kap 516. Il-kwistjonijiet li jridu jiġu riżolti permezz ta' din is-sentenza huma:

- kif għandu jiġi kalkolat iż-żmien tal-kundanni li tiegħu ser jittieħed persentaġġ;
- jekk il-multi, konvertieti f'priġunerija, għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu tad-data ta' eliġibilita;
- jekk sentenza skontata għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni fil-kalkolu tad-data tal-eliġibilita partikolarment meta immedjatament wara dik is-sentenza tkun ser tiġi skontata sentenza oħra; u
- jekk, fil-każ tal-attur, japplikax l-artikolu 11(5) jew l-artikolu 11(3).

Illi risposta għal dawn il-mistoqsijiet tiddependi fuq, u tirrikjedi qari u interpretazzjoni, tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 516. Prinċipju bażiku li jirregola l-interpretazzjoni tal-liġijiet jiddetta li kull liġi għandha tiġi interpretata skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur. Fil-fatt il-Professur Professor Sir Anthony Mamo jgħallem li:

> *The law is the will of the legislature and the most fundamental rule of interpretation, to which all others are subordinate, is that a statute is to be expounded according to the intent of them that made it.*[27]

[27] Notes on Criminal Law Year 1 pagna 19.

Illi dan il-prinċipju ġie affermat konstantement mill-Qrati tagħna ukoll. Fis-sentenza mgħotija mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Diċembru 1945 fil-kawża **Emanuele Bonello vs Edmund Percy Larchin** intqal li:

> *il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kazijiet skond il-ligi u skond il-fattezzi specjali taghhom ... Id-dover tal-gudikant huwa mhux sempliciment dak li japplika l-ligi imma anki li jara minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x' inhija l-probabbli intenzjoni tal-legislatur f' dawk ic-cirkostanzi u li japplika l-ligi u jinterpreta b' mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta.*

Illi f'sentenza oħra, mgħotija fil-kawża **George Edward Spiteri vs Marsaxlokk Football Club et**[28], il-Qorti, wara li rreferit għall-ġurisprudenza prevalenti fir-rigward qalet ukoll li:

> *billi hija regola ta' interpretazzjoni li* ***ebda liġi ma għandha titqies kontradittorja fiha nnifsiha***[29]*, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-ġudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur u b'quddiem għajnejh ir-raġunijiet li ġiegħlu lill-leġiżlatur jiddetta l-liġi. Il-ġudikant għalhekk għandu jirrikorri għall-mens legis biex jagħti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi għall-ispirtu informatur tal-liġi.*

Illi din il-Qorti tikkondividi pjenament dawn il-ħsiebijiet u fil-kunsiderazzjonijiet tagħha ser tkun gwidata minnhom. Il-Qorti żżied biss li interpretazzjoni, kif fuq imfissra, ta' kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi tirrikjedi li dik id-dispożizzjoni ma tinqarax f'iżolament imma flimkien ma', u fid-dawl tad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dak l-liġi li tifforma parti minnha.

Ikkunsidrat

Illi l-parole huwa regolat permezz tal-Att Dwar Ġustizzja Riparatriċi, il-Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta (il-Kap 516). F'dan l-istadju jkun opportun li jiġu riprodotti verbatim dawk id-dispożizzjonijiet tal-Kap 516 li huma primarjament relevanti għall-każ in eżami:

[28] Prim' Awla 15 ta' Lulju 2016.
[29] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

**L-artikolu 2,** fejn "*parole*" hija mfissra bħala *l-awtorizżazzjoni mogħtija mill-Bord tal-Parole lil priġunier li jkun qed jiskonta kundanna waħda jew iktar ta' priġunerija biex joħroġ fuq il-parole ... ...*

**L-artikolu 10,** li jipprovdi dwar **min** huwa eliġibbli għall-parole:

> *(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-parole tista' tingħata biss lill-priġunieri kkundanati għal piena ta'priġunerija ta' sena jew iktar, irrispettivament jekk l-imsemmi terminu jkun jirriżulta minn kundanna waħda jew minn numru ta' kundanni li jammontaw għal total ta' mill-inqas sena.*
> *(2) ... ...*
> *(3) ... ...*

U **l-artikolu 11,** li jipprovdi dwar **meta** persuna tkun eliġibbli għall-parole:

> *(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-data ta' eliġibilità għall-parole ta' priġunier li qed jiskonta kundanna ta' priġunerija għal żmien ta' sena u mhux iktar minn sentejn għandha tiġi kkalkolata fuq tlieta u tletin fil-mija taż-żmien ta' priġunerija tiegħu.*
>
> *(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-data ta'eliġibilità għall-parole ta' priġunier li qed jiskonta kundanna ta' priġunerija għal żmien ta' iktar minn sentejn u mhux iktar minn seba' snin għandha tiġi kkalkolata fuq ħamsin fil-mija tal-priġunerija tiegħu.*
>
> *(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-data ta' eliġibilità għall-parole ta' priġunier li qed jiskonta kundanna ta' priġunerija ta' iktar minn seba' snin għandha tiġi kkalkolata fuq tmienja u ħamsin fil-mija tat-total taż-żmien ta' priġunerija tiegħu.*
>
> *(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3), il-Qorti tista' tinkludi fis-sentenza tagħha data ta' eliġibilità għall-parole aktar kmieni f'każ li min wettaq ir-reat ma jkunx għalaq l-età ta' sittax-il sena fid-data meta jkun twettaq ir-reat, jew fejn il-Qorti tenut*

*kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ jidhrilha li sabiex priġunier jirriforma ruħu aħjar huwa ġustifikat li tiġi ffisata data differenti.*

*(5)Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) id-data ta' eliġibilità għall-parole ta' persuna kkundannata għal iktar minn kundanna waħda ta' priġunerija wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandha tiġi kkalkolata fuq ħamsin fil-mija tat-total taż-żmien ta'priġunerija ta' dik il-persuna.*

*(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2), (3) u (4) f'każ ta' ksur tar-regolamenti tal-ħabs, id-data ta' eliġibilità għall-parole tista' tiġi mitfugħa lura minħabba f'dan il-ksur bħala miżura dixxiplinarja meħuda mill-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi.*

*(7) Il-komputazzjoni tat-termini msemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) għandha ssir skont l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali.*

*(8) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (5), priġunieri eliġibbli għall-parole jistgħu, għal raġunijiet ta' mard li m'hemmx fejqan minnu, japplikaw lill-Bord tal-Parole biex jiġu kkunsidrati għall-parole qabel id-data ta' eliġibilità għall-parole:*

*Iżda ... ...*

*(9) Id-data ta' eliġibilità għall-parole għandha tiġi kalkolata esklużivament fuq il-bażi tal-perjodu fil-ħabs jew total ta' perjodi fil-ħabs skont is-sentenzi rilevanti tal-qorti.*

*(10) Il-ħlas jew in-nuqqas ta' ħlas ta' multi imposti mill-qorti għandu jittieħed f'konsiderazzjoni mill-Offender Assessment Board, mill-Bord tal-Parole u mill-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi fid-deliberazzjonijiet tagħhom.*

Ikkunsidrat

Illi b'mod ġenerali u dwar min hu eliġibbli għall-parole, minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet jemerġi li parole hija dik is-sistema permezz ta' liema persuni li

jkunu qed jiskontaw sentenza ta' priġunerija jkunu jistgħu joħorġu mill-ħabs qabel iż-żmien, u ċioe qabel it-terz tar-remission[30]. U biex persuna tibbenefika minn din is-sistema jridu jiġu sodisfatti diversi kundizzjonijiet fosthom dak ravviżati fl-artikolu 10(1) li dik il-persuna tkun qed tiskonta sena priġunerija jew aktar, u dan irrispettivament minn jekk dik is-sena tkunx imposta f'sentenza waħda jew aktar.

Illi huwa ovvju li persuna ma tistax tiskonta żewġ sentenzi jew aktar fl-istess zmien, għalhekk meta l-artikolu 2, fit-tifsiera mgħotija tal-kelma *parole,* jirreferi għal *kundanna waħda* ***jew aktar,*** u meta l-artikolu 10(1) jirreferi għal priġunerija ta' almenu sena *irrispettivament jekk l-imsemmi terminu jkun jirriżulta minn kundanna waħda* ***jew minn numru ta' kundanni,*** neċessarjament qed jirreferu għal numru ta' sentenzi, separati u distinti minn xulxin, li ser jiġu skontati waħda wara l-oħra ininterrottament.

Illi għalhekk persuna tkun eliġibbli biex tapplika għall-parole jekk, fost kundizzjonijiet oħra, tkun qed tiskonta sentenzi ta' almenu sena priġunerija bejniethom. L-eliġibilita tiskatta minn data, id-data ta' eliġibilita, li hija stabbilita skont l-artikolu 11 tal-Kap 516.

Illi dan l-artikolu 11:

- l-ewwel jistabilixxi li d-data ta' eliġibilita għandha tiġi kkalkolata fuq persentaġġ taż-żmien ta' priġunerija li jkun qed jiġi skontat u jistabilixxi tlett persentaġġi skont x'inhu ż-żmien ta' priġuneriija li ser jiġi skontat; dan fis-subartikoli (1), (2) u (3);
- mbaghad jistabilixxi kif għandu jiġi kalkolat iż-żmien ta' priġuneirja, anke b'referenza għall-ħlas jew nuqqas ta' ħlas ta' multi, dan fis-subartikoli (7), (9) u (10);
- jipprovdi ukoll għal numru ta' "eċċezzjonijiet" għar-regola generali stabbilita fis-subartikolu (1), (2) u (3), dan fis-subartikoli (4), (5), (6) u (8).

Ikkunsidrat

[30] Fid-Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, Seduta Nru. 316 tat-Tnejn, 21 ta' Frar, 2011 (paġna 700 tat-traskrizzjoni) intqal li l-Bord tal-Parole *se jikkonsidra jekk persuna għandhiex tingħata jew le il-possibilità li toħroġ* ***qabel it-terz tar-remission***. (Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti).

Illi kif intqal l-artikolu 11 jipprovdu perċentaġġi differenti skont il-perjodu ta' priġunerija li jkun qed jiġi skontat; hemm tlett perjodi:

1. Prigunerija għal perjodu ta' bejn sena u sentejn, f'liema każ il-perċentaġġ huwa tlieta u tletin fil-mija (33%); dan skont is-subartikolu (1).
2. Prigunerija għal perjodu ta' aktar minn sentejn sa seba' snin, f'liema każ il-persentaġġ huwa ħamsin fil-mija (50%); dan skont is-subartikolu (2).
3. Prigunerija għal perjodu ta' aktar minn seba' snin, f'liema każ il-persentaġġ huwa ta' tmienja u ħamsin fil-mija (58%); dan skont is-subartikolu (3).

Illi skont is-subartikolu (7) it-termini imsemmija f'dawn is-subartikoli għandhom jiġu komputati skont l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali; dan jipprovdi li:

> *Ħlief fil-każ ta' kundanna ta' priġunerija għall-għomor jew ta' priġunerija jew detenzjoni f'nuqqas tal-ħlas ta' multa jew ammenda, kull żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inżamm fil-ħabs għar-reat jew reati li tiegħu jew tagħhom huwa jkun ġie hekk misjub ħati u kkundannat, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt il-kundanna tiegħu ... ...*

Illi minn dan huwa ċar li kull żmien li matulu persuna tkun miżmuma taħt arrest preventiv għandu jitqies bħala parti, ġia skontata, miż-żmien ta' prigunerija li għalih tkun eventwalment ġiet ikkundannata dejjem b'relazzjoni ma' dak ir-reat partikolari. Fi kliem ieħor kull żmien mgħoddi taħt arrest preventiv in konnessjoni mat-twettieq ta' reat jitqies bħala parti minn dik is-sentenza ta' prigunerija li tingħata għal dak ir-reat.

Illi għalhekk it-termini ta' priġunerija imsemmija fis-subartikolu (1), (2) u (3) għandhom jinkludu kull żmien li l-persuna konċernata tkun għaddiet taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru ġiet eventwalment ikkundannata. La darba il-liġi ma tgħidx mod ieħor dan japplika irrispettivament jekk il-perjodu ta' arrest preventiv kienx immedjatament qabel il-kundanna jew kienx hemm interval bejniethom minħabba ħelsien mill-arrest. Għalhekk, bħala eżempju, jekk persuna tiġi ikkundannata għaxar snin ħabs li minnhom tkun għamlet sena taħt arrest preventiv, il-kalkolu skont is-subartikoli (1) (2) u (3) irid jinħadem fuq għaxar snin u mhux disgħa snin. Dan anke jekk kien hemm interval ta'

skarċerazzjoni bejn s-sena arrest preventiv u l-iskontar tal-bqija (disgħa snin) tas-sentenza.

Illi aktar minn hekk u la darba s-subartikolu (7) jirrikjedi li t-termini imsemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) għandhom jiġu komputati skond l-artikolu 22 tal-Kodiċi Krimnali, ċioe il-perjodu kollu ta' priġunerija impost fis-sentenza, allura tnaqqis tas-sentenza li jista' jingħata bis-sistema ta' remission (ukoll reġolata permezz tal-Kap 516) m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni; dak li għandu jittieħed in konsiderazzjoni huwa il-perjodu ta' priġunerija li jissemma fis-sentenza.

Illi għal kull bon fini u dwar is-sistema ta' remission u jekk iż-żewġ sistemi (parole u remission) humiex alternattivi għal xulxin u x'effett għandha waħda fuq l-oħra, jingħad li l-preċezzjoni poplari hi li sistema teskludi l-oħra b'mod li wieħed jista' jibbenefika jew mir-remission jew mill-parole. Fil-fehma tal-Qorti pero l-kwistjoni ma tistax u m'għandhiex tiġi ridotta f'għażla bejn iż-żewġ benefiċċji; referenza għad-dibattiti parlamentari dwar il-Kap 516 tirriżolvi l-kwistjoni.

Illi fil-parti inizjali tad-dibattiti fl-istadju tat-tieni qari, f'parti mid-diskors tiegħu meta kien qed jispjega f'termini ġenerali l-iskop tal-liġi li kienet qed tiġi proposta, l-Onorevoli Ministru Dr Carmelo Mifsud Bonnici jispjega li l-iskop tal-liġi huwa li jingħata "*inċentiv lill-persuna li daħlet fil-faċilità li tidħol fi programm li permezz tiegħu tista' tibbenefika* ***jew bil-parole - jiġifieri li toħroġ qabel id-dekorrenza tas-sentenza skont kif aktar tard nelenka - jew inkella li tiggwadanja dak it-terz fir-remissjoni tas-sentenza."***[31] Minn dan wieħed jista jifhem li dawn (remission u parole) huma żewġ sistemi altrenattivi għal xulxin. Pero ftit aktar tard fid-diskors meta kien qed jidħol aktar fid-dettal tas-sistema tal-parole u r-rwol tal-Bord tal-Parole spjega li "*l-bord se jikkonsidra jekk persuna għandhiex tingħata jew le* ***l-possibilità li toħroġ qabel it-terz tar-remission***[32]". U eventwalment, propju dwar il-htieġa o meno ta' għażla bejn iż-żewġ sistemi spjega li "*hemm sistemi li bihom persuna trid tagħżel li jew tmur għall-*parole *jew inkella għar-*remissjoni. ***Deherilna li m'għandniex nagħmlu din l-għażla iebsa*** *għax jista' jkun li jkollok persuna li qegħda tipprova, però xorta waħda l-bord*

[31] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, Seduta Nru. 316 tat-Tnejn, 21 ta' Frar, 2011 (paġna 699); l-emfasi huwa tal-Qorti.
[32] L-istess dibatitti paġna 700; l-emfasi hija tal-Qorti.

*tal-parole ma jħossx li għandu jippermettilha li toħroġ qabel iż-żmien u li bl-isforzi u bix-xogħol li qiegħda tipprova tagħmel, tkun intitolata għar-remissjoni. Wieħed irid jibni sistema li jippermettu ċerta flessibiltà sabiex dak li jkun ikollu fejn jimraħ u jbiddel lilu nnifsu.*"[33]

Illi minn dan għandu jkun ċar li l-kwistjoni mhux jekk persuna hux ser tagħżel li tibbenefika minn sistema aktar milli oħra. Persuna li qed tiskonta sentenza tista tibbenefika minn tnaqqis sa' massimu ta' terz mis-sentenza (remission) li jfisser li tiġi skarċerata mingħajr ebda kondizzjoni malli tiskonta żewġ terzi tas-sentenza. L-istess persuna tista' tapplika għall-parole biex tkun tista' toħrog mill-ħabs qabel it-tnaqqis tat-terz bir-remission; f'dan il-każ hija tkun marbuta b'numru ta' kundizzjonijiet u jekk ma tosservahomx ikollha terġa tidħol il-habs biex tkompli tiskonta s-sentenza tagħha. Skont ma spjega il-Ministru il-fatt li persuna ma tingħatax parole ma jfissirx awtomatikament li ma tkunx tista' tibbenefika minn tnaqqis mis-sentenza (remission) jekk il-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi jidhirlu li remission ikun opportun.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan jikkonferma li meta jkunu qed jiġu stabbiliti it-termini ta' priġunerija skont is-subartikoli (1), (2) u (3) m'għandu jsir l-ebda riferiment għar-remission li jista' jingħata jew ma jingħatax skont ma jistbilixxi l-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi, imma wieħed għandu jħares biss lejn il-perjodu ta' priġunerija imsemmi fis-sentenza relattiva, dejjem skont l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa riaffermat fis-subartikolu (9) li jipprovdi li:

> *Id-data ta' eliġibilità għall-parole għandha tiġi kalkolata* ***eskluživament*** ***fuq il-bażi tal-perjodu fil-ħabs jew total ta' perjodi fil-ħabs skont is-sentenzi*** *rilevanti tal-qorti.*[34]

Ikkunsidrat

Illi l-kelma "*esklussivament*" f'dan is-subartikolu twassalna għall-konsiderazzjoni dwar x'impatt għandu jkollhom multi mhux imħallsa li ser jiġu konvertiti f'prigunerija fuq iż-żmienijiet imsemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) u li a bażi tagħhom jiġi stabbilit il-persentaġġ applikabbli. Qari ta' dan is-subartikolu, (9), għandu jwassal għall-konklużjoni li perjodu ta' priġunerija

[33] L-istess dibattiti paġna 702; l-emfasi hija tal-Qorti.
[34] L-emfasi hija tal-Qorti.

impost bħala konverzjoni ta' multa mhux imħallsa m'għandux jittieħed bħala parti miż-żmien li a bażi tiegħu jiġi stabbilit il-persentaġġ. Dan jingħad ukoll anke għaliex skont is-subartikolu (10):

> *Il-ħlas jew in-nuqqas ta' ħlas ta' multi imposti mill-qorti għandu jittieħed f'konsiderazzjoni mill-Offender Assessment Board, mill-Bord tal-Parole u mill-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi fid-deliberazzjonijiet tagħhom.*

Illi għalhekk il-ħlas o memo tal-multi għandu jkun wieħed mill-fatturi li jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Bordijiet imsemmija fid-deliberazzjonijiet tagħhom dwar il-pjan ta' kura, l-għoti ta' parole, u l-għoti ta' remission rispettivament, pero m'għandux ikun fattur fl-iffissar tad-data ta' eliġibilita.

Illi dan il-punt ġie diskuss fid-dibattiti tal-Kumitat Permanenti għall-Kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi:

> *Sur President, kien tqajjem dan il-punt: Meta xi ħadd jingħata sentenza kalċerarja u jkun hemm multa, il-multa għandha tiġi kkomputata għall-iskop tal-parole meta xi ħadd ma jkunx se jħallas? **Aħna ħadna linja billi għedna: Le, din għandha tkun biss fuq il-ħabs**. Issa l-kwestjoni ta' jekk dak li jkun ikunx se jħallas jew le, dak jikkonsidrah l-Offender Assessment Board, il-Parole Board jew il-Bord tar-Remissjoni għax inkella nkunu qed nikkomplikaw l-affarijiet u nsibu li ma nistgħux inħaddmu l-mekkaniżmu.*[35]

Illi għalkemm fil-fehma tal-Qorti huwa ċar li multi mhux imħallsa m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni meta qed tiġi stabillita d-data ta' eliġibilita, huwa assolutament inċert kif u meta ser tiġi skontata multa konvertita f'priġunerija u x'effett dan ser ikollu fuq ir-rilaxx bil-parole[36]. Il-Qorti pero ma ġietx mitluba tippronunzja ruħha dwar dan imma biss dwar kif ghanda tiġi stabbilita id-data tal-eliġibilita skont il-Kap 516.

Ikkunsidrat

[35] Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011; traskrizzjoni paġna 28, l-emfasi hija tal-Qorti.

Illi kwistjoni oħra li issa trid tiġi riżolta hija dwar kif għandu jsir il-kalkolu imsemmi fis-suabartikoli (1), (2) u (3) meta persuna jkollha aktar minn kundanna waħda. Fi kliem ieħor il-perjodu li fuqu ser jinħadem il-persentaġġ imsemmi fis-subartikolu (1), (2) u (3) għandu jkun it-total tal-kundanni jew inkella l-kundanni għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni separatament.

Illi fis-sottomissjonijiet saret referenza għat-terminologija użata f'dawn is-subartikoli u ċioe l-użu tas-singular: "*priġunier li qed jiskonta* ***kundanna*** *ta' priġunerija ta' ...*" bl-implikazzjonji li dawn s-subartikoli qed jirreferu għal sentenza waħda.

Illi għandu jiġi rilevat li meta dawn is-subartikoli jirreferu għall-persentaġġ applikabbli skont il-perjodi ta' priġunerija hemm isemmija, jużaw terminologija differenti. Fis-subartikolu (1) jingħad: "*tlieta u tletin fil-mija* ***taż-żmien ta' priġunerija tiegħu****";* fis-subartikolu (2) jingħad: "*ħamsin fil-mija* ***tal-priġunerija tiegħu***"; u fis-subartikolu (3) jingħad: "*tmienja u ħamsin fil-mija* ***tat-total taż-żmien ta' priġunerija tiegħu****"*. Il-kwistjoni tkompli tikkomplika ruħha meta wieħed jara t-test Ingliż għaliex fih m'hemm l-ebda distinzjoni; it-tlett subartikolu jirreferu għal persentaġġ *of his term of imprisonment*.

Illi dwar il-kelma "*kundanna*" u jekk din għandhiex tiftiehem bħala sentenza waħda, fil-fehma tal-Qorti din qatt ma setgħet tkun l-intenzjoni tal-leġiżlatur. Il-Kap 516 ġie promulgat bl-għan li persuni detenuti l-ħabs jingħataw l-opportunita li jirriformaw ruħhom waqt li jkunu għadhom il-ħabs u bħala inċentiv jingħataw l-possibilita li joħroġu mill-habs qabel iż-żmien. Kif intqal skont it-tifsira fl-artikolu 2 parole huwa benefiċċju mgħoti lil min qed jiskonta sentenza waħda jew aktar; u fil-kriterji ta' eliġibilita fl-artikolu 10 il-Liġi tirreferi għal persuni li qed ġew kkundanati għal piena ta'priġunerija ta' sena jew iktar, irrispettivament tirriżultax minn kundanna waħda jew aktar. La l-eliġibilita tipprexxindi min-numru ta' sentenzi li persuna jkollha tisskonta imma tħares biss lejn perjodu kollu ta' priġunerija, jkun kontrosens li fil-kalkolu tad-data tal-eliġibilita tingħata konsiderazzjoni għal parti biss minn dak il-perjodu meta jkun impost f'żewġ sentenzi jew aktar. Fil-fehma tal-Qorti dan ir-raġunament isib konferma fl-istess artikollu 11, permezz tas-subartikolu (10) tiegħu, li jistabilixxi li *d-data ta' eliġibilità għandha tiġi kalkolata fuq il-bażi* ***tal-perjodu fil-ħabs jew <u>total ta' perjodi fil-ħabs</u> skont is-sentenzi*** *rilevanti tal-qorti.* Dan is-subartikolu m'għandu jħalli l-ebda dubbju li fis-subartikoli (1), (2) u (3) ir-referenza għal

kundanna hija referenza għal dawk il-perjodi kollha ta' ħabs li għalihom ġew ikkundannati fis-**sentenzi** kollha mgħotija magħduda flimkien.

Ikkunsidrat

Illi għandu jingħad li d-data ta' eliġibilita ma tistax tkun statika u peress li għandha tiġi kalkolata fuq *it-total ta' perjodu fil-habs* tista tinbidel biex tieħu in konsiderazzjoni sentenzi li jingħataw waqt li persuna ġia tkun qed tiskonta sentenza preċedenti. Għalhekk, u bħala eżempju, nieħdu persuna li ngħatat sentenza ta' tlett snin prugunerija li bdew jigi skontati fl-1 ta' Jannar 2023; id-data ta' eliġibilita skont is-subartikolu (2) hija l-1 ta' Lulju 2024 (hamsin fil-mija tas-sentenza ċioe sena u nofs). Jekk dik il-persuna tingħata sentenza oħra f'l-1 ta' Jannar 2024 ta' erbgħa snin prigunerija, allura it-total tal-perjodu fil-ħabs issa sar sebgħa snin u għalhekk id-data ta'eligibilita, kalkolata ukoll fuq persentaġġ ta' ħamsin fil-mija (mija tlett snin u nofs) għandha tiġi mitfugħa lura għall-1 ta' Lulju 2026. Jekk din il-persuna tingħata remission sħiħ fir-rigward tal-ewwel sentenza, din ser tkun skontata fl-1 ta' Jannar 2025 u għalhekk meta tkun għada m'avveratx ruħha d-data ta' eliġibilita. Din iċ-ċirkostanza m'għandiex twassal għal rikalkolu tad-data ta' eliġibilita għaliex l-iskontar tas-sentenza ma jbiddel xejn mill-fatt dik il-persuna ġiet ikkundannata total ta' sebgħa snin ħabs. Wieħed ma jistax jinsa li persuna ma tistax tiskonta żewġ sentenzi f'daqqa imma waħda wara l-oħra, għalhekk jekk ai fini tad-data ta' eliġibilita iż-zmienijiet ta' ħabs imposti f'żewġ sentenzi jew aktar ser jitqiesu bħal żmien wieħed sħiħ allura s-sentenzi ukoll għandhom jitqiesu bħala "waħda", dejjem ai fini ta' kalkolu tad-data ta'eliġibilita. Altrimenti ż-żmien impost permezz tal-ewwel sentenza ser "jintilef" u dan żġur li mhux l-iskop tal-leġiżlatur.

Ikkunsidrat

Illi dan kollu stabbilit jonqos li jiġu kkunsidrati l-"eċċezzjonijiet" għar-regoli ġenerali applikabbli fl-iffissar tad-data ta' eliġibilita. Huma erbgħa l-eċċezzjonijiet:

- skont is-subartikolu (4) persuni li jkunu taħt is-sittax il-sena meta jwettqu r-reati l-Qorti tista' tiffissa data differenti minn dik altrimenti kalkolata skont is-subartikoli (1), (2 u (3);
- skont is-subartikolu (5), u minkejja dak li jiddisponi s-subartikolu (1), *persuna kkundannata għal iktar minn kundanna waħda ta' priġunerija wara d-dħul*

*fis-seħħ ta' dan l-Att, għandha tiġi kkalkolata fuq ħamsin fil-mija tat-total taż-żmien ta'priġunerija ta' dik il-persuna;*

- skont is-subartikolu (6) il-Bord tat-Tnaqqis mis-Sentenzi jista', bħala miżura dixxiplinari, jitfa' lura d-data ta' eliġibilita stabbilita mill-Bord tal-Parole skont is-subartikoli (1), (2) u (3) u jista' jitfa' lura ukoll id-data stabbilita mill-Qorti skont is-subartikolu (4) f'kaz ta' minorenni; u
- skont is-subartikolu (8) f'każ ta' mard li għalih m'hemmx fejqan il-persuna konċernata tista' tapplika biex tiġi kkunsidrata għall-parole qabel id-data stabilita skont is-subarikoli (1) sa (5).

Illi fil-każ in eżami hija relevanti l-eċċezzjoni msemmija fis-subartikolu (5) stante li l-attur jikkontendi li għandha tapplika għalih, kontensjoni li l-Bord jopponi fermament.

Illi diġa ntqal li l-attur jikkontendi li la darba huwa qed jiskonta żewġ sentenzi li waħda minnhom ingħatat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-att u la darba is-subartikolu (3) jitkellem fuq kundanna waħda[37] allura dan is-subartikolu (3) mhux applikabbli għalih imma għandu japplika is-subartikolu (5) b'mod li l-kalkolu fil-każ tiegħu jinħadem fuq persentaġġ ta' ħamsin fil-mija. Fil-fehma tal-Qorti pero l-attur huwa żbaljat f'dan ir-raġunar.

Illi huwa ċar li s-subartikolu (5) qed joħloq eċċezzjoni għar-regola stabbilita fis-subartikolu (1) u għalhekk għandu jinqara u jiġi interpretat l-ewwel u qabel kollox b'referenza għal dak is-subartikolu (1). Skont dan l-aħħar imsemmi subartikolu persuna li qed tiskonta bejn sena u sentejn priġunerija (li setgħu ġew imposti permezz ta' sentenza waħda jew permezz ta' żewġ sentenzi jew aktar) il-persentaġġ għandu jkun ta' tlieta u tlettin fil-mija fuq il-perjodu totali ( dan skont is-subartikolu 9). B'applikazzjoni tas-subartikolu (5) meta persuna qed tiskonta bejn sena u sentejn prigunerija d-data ta' eliġibilita tiġi kalkolata fuq persentaġġ ta' ħamsin fil-mija (u mhux tlieta u tletin fil-mija) jekk:

- dak il-perjodu ta' priġunerija jkun impost permezz ta' żewġ sentenzi jew aktar (u mhux permezz ta' sentenza waħda); u
- dawk is-sentenzi ingħataw wara d-dħul fis-seħħ tal-Kap 516.

[37] Il-Qorti diġa esprimiet ruħha dwar il-fatt li "kundanna" fis-subartikoli (1), (2) u (3) tirreferi għat-total tal-perjodi ta' habs skont is-sentenzi kollha meħuda flimkien.

Illi għal kull bon fini jingħad li l-Bord ġustament argumenta li kieku l-leġiżlatur rid li din l-eċċezzjoni tapplika ukoll għas-subartikolu (3)[38] kien jgħid hekk bħal m'għamel meta f'subartikoli oħra.

Illi għal kompletezza l-Qorti ser tirreferi għal dak li qal ix-xhud Dr Mifsud Bonnici fid-depożizzjoni quddiem din il-Qorti meta mistoqsi dwar l-użu tal-Kliem "*wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att*" fis-subartikolu (5). Huwa saħaq li l-Kap 516 kellu jidħol fis-seħħ immedjatament mal-promulgazzjoni tiegħu: "*fil-fatt l-att ġie immedjatament jaħdem għal kull min qiegħed jiskonta sentenza il-ħabs mill-ewwel",* u dan indipendentement minn meta tingħata sentenza karċerarja, hux qabel jew wara l-promulgazzjoni tal-Att: *"Trid taħdem mill-ewwel, għalija ta' applikazzjoni immedjata, ma tagħmilx distinzjoni f'meta tingħata s-sentenza għax inkella it defeats the scope tal-liġi fl-opinjoni tiegħi....".*

Illi l-Qorti taqbel li l-Kap 516 daħal fis-seħħ immedjatament mal-promulgazzjoni tiegħu u li japplika għal dawk il-persuni li diġa kienu qed jiskontaw sentenza kif ukoll dawk li kienu ser jiġu kkundannati wara d-dħul fis-sehh tal-Att. Is-subartikolu (5) fil-fatt ma jbiddel xejn minn dan għax l-użu tal-kliem "*wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att*" mhux intiż bħala xi forma ta' dispożiżżjoni tranżitorja. Kif intqal, id-distinzjoni bażata fuq meta ingħatat sentenza (hux qabel jew wara d-dħul fis-seħħ tal-Kap 516) hija relevanti biss biex, f'dawk il-każijiet fejn persuna ser tiskonta minn sena sa sentejn habs imposti f'żewġ sentenzi jew aktar liema sentenzi huma mgħotija wara d-dħul fis-seħħ tal-Kap 516, il-kalkolu isir fuq persentaġġ differenti (hamsin fil-mija minflok tlieta u tlettin fil-mija).

Ikkunsidrat

Illi dan kollu premess, fil-fehma tal-Qorti **l-Bord huwa żbaljat** meta fiż-żmienijiet imsemmija fis-subartikoli (3), u anke fis-subartikoli (1) u (2):

- qed jieħu in konsiderazzjoni perjodu ta' priġunerija li jirrappreżentaw konverżjoni ta' multi mhux imħallsa; u
- mhux qed jieħu in konsiderazzjoni ż-żmien totali ta' priġunerija skont is-sentenzi kollha mgħotija bħala perjodu wieħed sħiħ, li ma jinbidilx[39] anke jekk

[38] Żġur li m'għandhiex għalfejn tkun applikabbli għas-subartikolu (2) għaliex hemm il-persentaġġ huwa ħamsin fil-mija.
[39] Sakemm il persuna ma tingħatax sentenzi oħra waqt li ġia tkun qed tiskonta sentenza.

tingħata remission u dan iwassal għall-iskontar ta' waħda mis-sentenzi qabel ma tavvera ruħha d-data ta' eliġibilita.

U min-naħa l-oħra **l-Bord huwa korrett** meta fl-interprazzjoni tiegħu tal-artikolu 11 applika persentaġġ ta' tmienja u ħamsin fil-mija fil-kalkolu tad-data ta' eliġibilta fil-każ tal-attur; għalhekk huwa **żbaljat l-attur** fl-interpretazzjoni li qed jagħti tas-subartikolu (5) u meta jippretendi li dan għandu japplika għalih.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi billi:

1. tilqa l-ewwel talba tal-attur limitatament kif fuq spjegat;
2. tilqa t-tieni talba; u
3. tordna li l-ispejjez jitħallsu kwantu għal kwart mill-attur u tlett kwarti mill-konvenut.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**